# Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

## Ħolqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja ppubblikata mis-Soċjetà Patristika Maltija

Nru 14    13 ta' Settembru 2018

## Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Għeżież ħbieb,

Iż-żmien dejjem għaddej u ma jistenna lil ħadd! Diġà għaddew tliet snin mit-tnissil tas-Soċjetà Patristika Maltija f'Awwissu 2015. It-twelid formali seħħ f'Ottubru 2016 bl-ewwel Laqgħa Ġenerali. Bl-għajnuna ta' Alla u bil-koperazzjoni ta' ħafna persuni, saru bosta attivitajiet u ttieħdu diversi inizjattivi biex il-Missirijiet tal-Knisja jsiru aktar magħrufin, u t-tagħlim tagħhom apprezzat mill-pubbliku ta' Malta u ta' Għawdex.

F'dan il-fuljett elettroniku tistgħu ssibu tagħrif dwar il-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss, kif ukoll dwar l-Irtir tal-Avvent li ġej. Issibu wkoll tagħrif ieħor dwar il-programmi ta' fuq Radju Marija, kif ukoll kif dawn huma kollha disponibbli fuq is-sit elettroniku Laikos.

Għandna wkoll indirizz postali ġdid. Issibuh f'dan il-fuljett.

Nittama li narawkom għall-attivitajiet li hemm ippjanati sa tmiem is-sena. F'isem il-membri l-oħra tal-Kumitat tas-Soċjetà, insellmilkom u nixtiqilkom kull ġid fil-Mulej.

*Dun Hector Scerri*
President

## Fuq Radju Marija FM 102.3

Il-Programm *Għejjun ta' Ilma Fisk u Dejjem Ħaj* jixxandar kull nhar ta' Erbgħa fit-8.00pm, b'ripetizzjoni l-Ħamis fis-2.00am, u ripetizzjoni oħra nhar ta' Ġimgħa fl-3.30pm. Fadal l-aħħar ftit programmi dwar il-Patrijiet tad-Deżert.

Fl-iskeda li jmiss, se nittrattaw l-Atti tal-Martri. Se tkun serje ferm interessanti. Dwar il-ġranet u l-ħinijiet tat-trażmissjoni, navżawkom aktar 'il quddiem.

## Laqgħa Ġenerali Annwali 2018

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali hija avveniment importanti fil-ħajja ta' kull assoċjazzjoni u soċjetà. Il-Laqgħa se ssir nhar l-**Erbgħa 24 t'Ottubru 2018, fis-6.30pm**, fir-Refettorju l-Antik tal-Kurja tal-Arċisqof, Floriana.
Waqt il-laqgħa mhux biss infakkru l-attivitajiet li saru matul is-sena, imma wkoll nippjanaw flimkien u nisimgħu wkoll l-ideat tal-membri.
Inti mħeġġeġ li tattendi, u tista' wkoll tistieden xi persuni oħra li taf li huma interessati.

## Irtir tal-Avvent

Kienu bosta dawk li ħadu sehem fit-tlett irtiri li kellna sa issa, u lkoll ħarġu sodisfatti. L-Irtir tal-Avvent se jsir nhar il-**Ħadd 16 ta' Diċembru 2018**, mid-9.30am sal-4.30pm, f'Dar Ħanin Samaritan, Santa Venera. Nagħtu d-dettalji aktar 'il quddiem. Għalissa ħudu nota tad-data.

## Żuru s-sit tal-Laikos

Bil-koperazzjoni eżemplari u pronta tas-Sur Joe Farrugia, tistgħu tisimgħu bil-kumdità kollha, il-programmi kollha li xxandru fis-sensiliet differenti ta' Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj fuq Radju Marija. Hemm ftit anqas minn ***sebgħin programm*** ta' madwar 25 minuta kull wieħed.
Idħlu fuq is-sit Laikos.org, u ssibuhom fuq il-paġna tal-Awdjo
http://www.laikos.org/aod_ghejjun.htm

## Silta minn San Ġwann Krizostmu

Ħafna mwieġ u ħalel kbar qegħdin jhedduna; imma ma nibżgħux, m'aħniex se negħrqu, għax qegħdin fuq blata soda. Ħa jagħmel il-baħar: mhux se jfarrak il-blata! Ħa jogħla l-mewġ: ma jistax jgħarraq id-dgħajsa ta' Ġesù! X'inhu li jbeżżagħna? Il-mewt? *Għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi qligħ*. L-eżilju? *Tal-Mulej hi l-art u kull ma fiha*. Jeħdulna ġidna? *Aħna xejn ma ġibna fid-dinja, u xejn ma nistgħu nieħdu magħna*. Jiena mmaqdar kull biża' tad-dinja, nidħak bil-ġid tagħha. La nibża' mill-faqar, u lanqas nixtieq l-għana; la niskerrah il-mewt, u lanqas nagħżel li ngħix, jekk mhux għall-ġid tagħkom (San Ġwann Krizostmu, *Omeliji*).

- ***Nifirħu lir-Rev. Kan. Dr Jonathan Farrugia, Segretarju tas-Soċjetà Patristika, li nħatar lecturer tal-Patroloġija fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta. Nixtiqilu kull ġid u suċċess f'din il-missjoni ta' responsabiltà.***

- **L-indirizz postali tas-Soċjetà Patristika huwa dan:**
  **Soċjetà Patristika Maltija,**
  **Istitut Kattoliku,**
  **Floriana FRN 1441**